MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Numru 559/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Jonathan Mifsud**
**Joseph Camilleri**
**Kevin Tonna**
**Tyrone Fenech**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Jonathan Mifsud bin Paul u Rita Anna mwielda Micallef, mwieled tal-Pieta’ fit-23 ta’ Settembru 1992 u residenti Block F 5 Door A, Flat 4, Triq il-Kultellaz, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 464192(M) u Joseph Camilleri bin Carmel u Rita mwielda Camilleri

mwieled Pieta’ fl-04 ta’ Dicembru 1988 u residenti “Sta Marija”, Triq iz-Zakak, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 564088(M) u Kevin Tonna bin Emanuel u Josephine mwielda Spiteri, mwieled tal-Pieta’ fit-2 ta’ Lulju 1991 u residenti 45, Triq l-Isperanza, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru  334791(M) u Tyrone Fenech bin Emanuele u Rita mwielda Agius, imwieled tal-Pieta’ fl-24 ta’ Novembru 1993 u residenti Block A1 Entrance B, Flat 3, Triq id-Dawr, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 557793 (M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli :

Fil-10 ta’ April, 2007 wara nofsinhar, waqt li kienu fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, ikkommettew serq ta’ rota li l-valur taghha jaccedi l-Lm100 izda anqas minn Lm1,000 liema serq hu aggravat bil-vjolenza (numerika) u valur u dan ghad-dannu ta’ Joshua Galea mill-Mosta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta’ Lulju 2007 (esebit *a folio* 9 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sar lilhom fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2008 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz in dizamina jirrigwarda serq ta’ rota lli sehh fl-10 ta’ April 2007. Fl-imsemmija data Joshua Galea kien irraporta li kienet insterqitlu r-rota waqt li din kienet barra l-klabb fejn huwa kien qed jilghab il-billiards fi Triq Eucharistic Congress, il-Mosta. Jumejn wara precizament fit-12 ta’ April 2007 Joshua Galea irraporta lil Pulizija li kellu informazzjoni li r-rota li kienet insterqitlu kienet fil-pussess tal-imputat Jonathan Mifsud. Meta l-Pulizija

marru fir-residenza tal-imputat Jonathan Mifsud huwa mal-ewwel ammetta li r-rota kienet ghandu u hareg il-partijiet tar-rota li kienet zarmata u mohbija f'sodda li tinghalaq u kkonsenjaha lil Pulizija. L-imputat Jonathan Mifsud kien indika lil Pulizija li kien hemm xi parts tar-rota li kienu ghand l-imputati Tyrone Fenech u Kevin Tonna u qalilhom ukoll li meta ha r-rota kien fil-kumpanija tat-tlett imputati l-ohra. Meta l-Pulizija baghtu ghal Kevin Tonna u Tyrone Fenech dawn mal-ewwel irritornaw il-parts tar-rota li kienu fil-pussess taghhom izda Kevin Tonna innega li kien fil-kumpanija ta' Jonathan Mifsud meta ttiehdet ir-rota. Joseph Camilleri meta gie mitkellem mill-Pulizija innega l-involviment tieghu fil-kaz.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrizulta li l-bulk tar-rota instab ghand l-imputat Jonathan Mifsud li mal-ewwel ammetta mal-Pulizija li kien seraq ir-rota u kif intqal fil-paragrafu precedenti kien hu li indika lil Pulizija li t-tlett imputati l-ohra kienu mieghu meta ittiehdet ir-rota. Xi parts zghar tar-rota nstabu fil-pussess tal-imputati Kevin Tonna u Tyrone Fenech. L-ebda wiehed mill-imputati ma rrilaxja stqarrija u kien biss l-imputat Jonathan Mifsud li ammetta mal-Pulizija li kien seraq ir-rota u involva lill-imputati l-ohra. Huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li dak li jghid ko-akkuzat ma jikkostitwixi prova fil-konfronti tal-akkuzati l-ohra u ghalhekk dak li qal lil Pulizija. L-imputat Jonathan Mifsud fil-konfronti tat-tlett imputati l-ohra ma jistghax jitqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huma kienu partecipi fis-serq tar-rota u l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova ohra fil-konfronti ta' Tyrone Fenech, Kevin Tonna u Joseph Camilleri f'dan is-sens. Huwa minnu li instabu xi parts zghar tar-rota fil-pussess tal-imputati Kevin Tonna u Tyrone Fenech izda huma jinsabu akkuzati b'serq aggravat u mhux b'ricettazzjoni. In kwantu jirrigwarda l-imputat Joseph Camilleri irid jinghad li la nstabu parts tar-rota fil-pussess tieghu u inoltre huwa dejjem innega l-involviment tieghu fis-serq tar-rota.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-akkuza odjerna biss fil-konfronti tal-imputat Jonathan Mifsud u mhux fil-konfronti tal-ko-imputati l-ohra. L-imputati Joseph Camilleri, Tyrone Fenech u Kevin Tonna qeghdin ghalhekk jigu dikjarati mhux hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

In kwantu jirrigwarda l-imputat Jonathan Mifsud huwa qed jinstab hati biss ta' serq aggravat bil-valur izda mhux hati ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika stante li ma giex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li t-tlett ko-akkuzati l-ohra kienu mieghu meta insterqet ir-rota.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat Jonathan Mifsud kellu biss hmistax-il sena meta kkommetta r-reat li tieghu qed jinstab hati, il-fatt li huwa ikkopera mal-ewwel mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u rritorna r-refurtiva immedjatament kif ukoll il-fatt li huwa ghandu fedina penali netta. Il-Qorti jidrilha li fid-dawl ta' dan kollu ghandha tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfronti tal-imputat Jonathan Mifsud.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati Joseph Camilleri, Kevin Tonna u Tyrone Fenech mhux hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuza.

Wara li rat l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-imputat Jonathan Mifsud hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu limitatament in kwantu jirrigwarda serq aggravat bil-valur u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------